# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU: 2595

**Kaz Numru : 3468/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Caroline Agius (KI 152194M)**

**u**

**Lingam Contracting and Design Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M.A. Qual. B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 30 t'April, 2019**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors mill-Appellanti Caroline Agius fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-20 ta' Gunju, 2016, fejn iddikjarat illi t-tkeccija minn mas-Socjeta' ntimata ma saritx ghal raguni gusta u sufficjenti.

Fuq talba tas-Socjeta' ntimata Lingam Contracting and Design Ltd fir-risposta taghha qalet illi l-Appellanti Agius tkecciet mix-xoghol taghha wara li hija kategorikament cahdet li tobdi struzzjonijiet moghtija lilha mis-sid tal-istess kumpanija li timpjegaha. Is-Socjeta' talbet lit-Tribunal jiddikjara dan l-appell bhala wiehed frivolu.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan l-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-Ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

## Rapprezentanza

Caroline Agius li minn issa '1 quddiem ser tissejjah ir-Rikorrenti, kienet assistita mill-Avv. Edward Gatt.

Lingam Contracting and Design Limited, li minn issa '1 quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata kienet irrapprezentata mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

## Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-Rikorrenti kienet tahdem bhala 'clerk' mas-socjeta' intimata u dana bhala mpjieg fiss. Hija kienet ilha mpjegata sa minn l-1 ta' Lulju 2014. Tul il-hidma taghha l-esponenti dejjem hadmet b'mod zelus u qatt ma irceviet xi "warning" jew twiddiba minghand is-socjeta' intimata. Fl-10 ta' Marzu 2016, l-esponenti gie tterminat lilha l-impjieg b'mod hesrem u dana minghajr raguni ta' xejn ghajr ghall-fatt li Charles Attard ordna lill-esponenti sabiex tieqaf tkellem haddiema ohra certu Ramona Bonnici, u fin-nuqqas jittermina l-impjieg tar-rikorrenti. Bl-aktar mod umiljanti s-Socjeta' ntimata qabdet u hesrem u minghajr ebda raguni valida fil-Ligi temmet l-impjieg tar-Rikorrenti.

Ir-Rikorrenti kienet ilha tigi trattata b'mod hazin minn Charles Attard u martu Therese Attard b'mod u manjiera li hija kellha sahansitra tirrikorri ghal kura psikika u dan minhabba li l-persuni hawn imsemmija kienu jitrattaw lir-Rikorrenti b'mod deplorevoli ghall-ahhar quddiem u fil-prezenza ta' impjegati ohra.

L-Appellanti, skont it-twegiba tas-Socjeta', kienet diga imwissija verbalment darbtejn u li ma kienx jixirqilha li tibqa' taghmel parti minn konfoffa kontra s-sidien tal-kumpanija, liema konfoffa kienet qed tfarrak l-armonija fuq il-post tax-xoghol, u li l-jum li tkecciet kien it-tielet inkontru li kellha mas-sid. Meta nghatat lilha r-raguni tat-tkeccija, baqghet ma biddlitx fehmitha u ffirmat minn jeddha d-dokument tat-tmiem. Hija accettat il-hlas, liema hlas gie spjegat lilha, u sahansitra sarrfet ic-cekk moghti lilha bhala accettazzjoni.

## Gabra fil-qosor tax-xhieda

**Christine Camilleri** fil-kariga ta' manager fil-Juana Fil Group of Companies u li hija wkoll inkarigata mis-Socjeta ntimata xehdet li kienet ilha mpjegata sbatax–il sena. Lir-rikorrenti tafha u kienet hi stess li ghamlitilha l-interview biex tidhol tahdem maghhom, meta kienet ghadha studenta l-MCAST u wara dahlet full time. Hija qalet li r-rikorrenti aktar kien ikollha x'taqsam ma' Brian Borg bhala l-Manager taghha milli hi nnifisha u lill-owner Dr Attard kienet tkellmu fuq xoghol u tnewwilu xi files. Ix-xhud qalet ukoll li l-mara tal-owner Mrs Attard kienet gibditilha l-attenzjoni lir-rikorrenti biex tilbes addattat ghall-ufficcju u mhux bil-jeans.. Qalet ukoll li saret taf li kellha zewg verbal warnings, imma hi personalment taf bihom ghax qallha l-owner li kien tahomlha. Hija qalet li dakinhar tat-tkeccija hija ma kinitx fil-kamra imma Dr Charles Attard infurmaha li kienet se tigi tterminata minhabba insubordinazzjoni u dan wara li kien talab lill-istess xhud flus mill-kumpanija biex joffrihom lir-Rikorrenti biex tixtri hwejjeg addattati. Mal-ETC (illum JobsPlus) ma setghux jiktbu insubordination ghax fil-formola ma kienx offrut bhala option ta' tkeccija u ghal daqstant nizzlu minhabba raguni ta' dixxiplina. Qalet ukoll li gietha ordni minn ta' fuqha biex minkejja li kienu se jitterminawha, xorta jhallsuha tan-notice period. Hekk gara u r-Rikorrenti minkejja li qabdet tibki meta saret taf li tkecciet, accettat ic-cekk u anke sarfitu. Hija qalet ukoll li lil Ramona Bonnici kienet tafha u kellmitha ftit fuq xoghol. Qalet ukoll li r-Rikorrenti dejjem kienet qed tkun bin-nervi, ma tkellem lil hadd u tinfaqa' tibki meta jkellmuha.

**Brian Borg** Manager fl-Auditing Department, qal li kien il-Manager dirett tar-Rikorrenti. Qal li fil-bidu ma kellux problemi maghha imma wara ftit bdiet issir buruza u kif tkellimha tibki u kien jaf ukoll li kienet ghaddejja minn xi problemi personali. Huwa qal li Dr Charles Attard kien qallu li taha verbal warnings u li darba minnhom anke quddiemu kkoregiha. Meta gie mistoqsi fuq xiex huwa qal li kienet qed tigi ammonita' rigward uzu tal-mobile fuq il-post tax-xoghol u biex tbiddel l-attegjament taghha, ma tibqax tinqata ghaliha u tintegra lura mal-grupp. Fuq it-tkeccija per se ftit jaf imma milli qallu Dr. Attard stess. Waqt il-kontro-ezami x-xhud qal li l-perjodu li minn tajjeb marret ghall-aghar ha bejn wiehed u iehor sitt xhur. Waqt l-istess kontro-ezami x-xhud qal li minkejja kienet qed tagixxi b'mod stramb bhal tgara l-mobile, tinfaqa' tibki, etcetera kellimha biss darba f'sitt xhur. U li minkejja dan kollu qatt ma nghatat twissija bil-miktub.

**Ryan Apap** li jahdem bhala Trainee Manager fil-VAT Department qal li lir-rikorrenti jaf li tahdem fil-VAT Inputting Department u kienet tahdem fl-istess kamra. Huwa qal li jaf li kien baghat ghaliha l-owner fil-Board Room u taha twissija ghax ma kinitx qed tobdih ghax ma ridhiex tkellem lil Ramona Bonnici waqt il-hin tax-xoghol. Waqt il-kontro-ezami gie mistoqsi x'jaf fuq din Ramona u il-ghala r-Rikorrenti ma thallietx tkellimha. Ghal din il-mistoqsija qal li ma jafx u qatt ma sema' xejn.

**Charles Attard** l-owner tal-kumpanija li huwa wkoll ir-Rapprezentant Legali u ghandu r-rapprezentanza tal-kumpanija qal li r-rikorrenti kienet tahdem fis-sezzjoni tal-pagi u wara tliet xhur, meta kienet ghadha waqt il-probation tawwlet ilsienha mal-Manager taghha, Christine Camilleri, u minflok tefugha 'l barra, x-xhud qal biddlulha s-sezzjoni. Huwa qal li baqghet ma' Lingam u tellfuhiex is-seniority. Huwa qal ukoll li bhala xoghol kienet taghmlu tajjeb hafna pero' kellha karattru rispostuz u kienet insubordinate. Fil-15 t'Awwissu qal li ghajjtilha u kien wahdu meta kellimha u taha twissija bil-kliem biss biex tbiddel il-komportament taghha ghax qed ittellef mill-armonija fl-ufficcju. Huwa qal ukoll li rega' sejjhilha fil-15 ta' Dicembru fejn rega' taha twissja verbali, u qallha li ma tistax tibqa' tissakkar fit-toilet u toqghod tibki. Qal ukoll li sadanittant kien ifforma peer group li kienu ta' sentiment wiehed, u jekk wahda tgorr fuq haga, l-kumplament jaghmel l-istess. Huwa qal li uriehom bic-car biex ma jibqghux jitkellmu fuq il-post tax-xoghol.Qal ukoll li r-Rikorrenti u l-ohrajn kienu qed izidu hafna il-breaks qosra biex ipejjpu jew biex imorru t-toilet jew biex iqumu minn posthom. Meta gie mistoqsi kemm -il darba, huwa qal darbtejn jew tlieta fi tmien sieghat.Huwa pprova jsolvi l-problema billi jifridhom u jimpedilhom milli jitkellmu bejniethom, baghat ghalihom kollha wahda wahda, imma r-Rikorrenti, kompla x-xhud, ma riditx tobdi u qaltlu li lilha ma jindahlilhiex lil min tkellem. Qal ukoll li kontra l-parir li nghata mill-General Manager Christine Camilleri, huwa xorta ordna li mat-terminazzjoni tigi mhallsa n-notice period, minkejja li ma kienx obbligat. Huwa qal li ghamlu rapport intern ta' kif graw l-affarijiet. Ghall-mistoqsija tat-Tribunal fuq kuntratt tax-xoghol u linji gwida lill-haddiema, x-xhud qal li qatt ma kien sar kuntratt tax-xoghol u lanqas ma kellhom linji gwida ta' x'inhu accettabbli u mhux fuq il-post tax-xoghol. Huwa qal li jekk iridu jkunu jafu xi tfisser 'insubordination', ifittxuha fid-dizzjunarju.

**Adrian Chetcuti De Carlo** fil-kapacita' tieghu ta' Direttur Kummercjali tal-Juana Fil Group li hija l-Mother Company qal li kien fl-Ufficcju tieghu u dahal hdejh Dr. Attard u qallu li se jittermina l-impjieg tar-rikorrenti. Huwa qal li fl-ewwel darba li sarilha verbal warning minn Dr Attard huwa ma kienx prezenti imma jaf ghax qallu Dr. Attard stess. It-tieni darba li sarilha verbal warning iehor huwa semghu ghax sar fil-kuritur vicin l-ufficcju tieghu. Huwa qal ukoll li m'hemmx record bil-miktub ta' dawn il-verbal warnings li wiehed sar fil-15 t'Awwissu u l-iehor sar fil-15 ta' Dicembru tal-istess sena. Huwa qal ukoll li r-raguni ghala tkecciet kienet minhabba l-komportament taghha u minhabba li ma obdietx meta Dr Attard ordnalha biex ma

taghmilhiex ma' Ramona Bonnici. Huwa qal ukoll li r-Rikorrenti kellha problemi personali tant li kienet tinghalaq fit-toilet tibki u darba garat il-mobile lil Ryan Apap. Qal ukoll li jaf li kellha zewg boyfriends li ma jitrattawhiex sew u dan sar jafu ghax il-Manager taghha li kellha kien jikkorrispondi maghha fuq ic-chat u dan l-istess persuna pprintja dawn ic-chats u x-xhud tella' l-iscreenshots ta' dawn il-konversazzjonijiet personali u privati bhala provi tal-problemi li kienet jew setghet kienet ghaddejja minnhom ir-Rikorrenti.
**Caroline Agius** r-Rikorrenti qalet li giet impjegata bhala clerk mal-VAT Department fil-Kumpanija ntimata ghal madwar sentejn. Hija qalet li kien fl-Awla li saret taf li meta darba ghajjtilha biex ikellimha, kien qed jigi msejjah twissija verbali. Ix-xhud qalet li qatt ma ndikalha li kien qed jammoniha. Ir-raguni ghala ghajjtilha kienet ghax tilbes il-headphones waqt ix-xoghol u hi min-naha taghha urietu li kienet imdejjqa bl-atteggjament ta' martu ghax kienet tinjoraha kompletament u turtaha bit-tfesfis fil-widnejn.Hija qalet ukoll li meta tkecciet ir-raguni kienet li giet mghajjta ghal darb'ohra u ordnata ma tithallatx u ma titkellimx ma' kollega ohra jisimha Ramona Bonnici ghax skont il-Manager hi kienet influwenza hazina fuq ix-xhud. Ix-xhud qalet ukoll li dak kien in segwitu ta' email li nbaghtet minn Ramona lil min imexxi l-kumpanija, Charles Attard. Is-Sur Attard kien li ordna li ma jitkellmux aktar u x-xhud irrifjutat illi toqghod ghal din l-ordni u tkecciet dak inhar stess.

**Ramona Bonnici** qalet li hi u r-rikorrenti kienu jaghmlu prattikament l-istess xoghol. Ix-xhud qalet ukoll li ftit granet ma tkecciet ir-rikorrenti, hija, Ramona, talbet lill-imghallem biex jibdillha d-desk ghax ma kinitx tingieb ma dik li kienet faccata taghha. Dakinhar li r-rikorrenti tkecciet, ix-xhud kienet xoghol fuq barra, kellha xi karti li nesithom warajha l-ufficcju u cemplet lir-Rikorrenti biex tnewwilhomlha. Filfatt hi stess telghet ghal dawn il-karti ghax ir-Rikorrenti giet imsejha quddiem l-imghallem fil-Board Room u spjegat x'intqal lir-Rikorrenti, imma dan kollu qalitu mhux mill-esperjenza taghha, kif intqal lilha. Ix-xhud spjegat kif l-imghallem qal lir-Rikorrenti biex ma tkellimx lix-xhud ghax hi tuffieha hazina. Dan kollu x-xhud qalitu mill-esperjenza kif irrakkuntata lilha u mhux ghax kienet prezenti hija kompliet tirrakkonta dak li qalet ir-Rikorrenti fix-xiehda taghha. Irrakkuntat ukoll kif ir-Rikorrenti kienet offruta flus mill-imghallem, li jammontaw ghal mitejn ewro biex ikollha biex tbiddel fl-ufficcju kieku semghet minnu. Ix-xhud qalet li kif saret taf dan kollu minn ghand ir-Rikorrenti, x-xhud stess baghtet sms lill-mara tal-imghallem u talbitha tlestilha t-termination form. Ftit jiem wara x-xhud marret ix-xoghol biex tara jistghux jitrangaw l-affarijiet, u l-imghallem ma laqaghhiex tajjeb.Hija marret biex tkellmu fuq ir-Rikorrenti biex forsi titnehhilha mit-termination form l-akkuza li tkecciet fuq passi dixxiplinarji. Ix-xhud filfatt ma tkellmitx ghaliha nnifisha ghax hi rrizenjat minn jeddha.
Ix-xhud qalet ukoll li hi personalment ma kinitx tahdem fl-istess ufficcju mar-Rikorrenti imma n-nies li kellha maghha din ta' l-ahhar ma kienux mill-helwin max-xhud, u ghaldaqstant ix-xhud ikkonkludiet li l-istess kienu jgibu ruhhom probabbli mar-Rikorrenti. Qalet ukoll li r-Rikorrenti xejn ma haditha tajba t-tkeccija taghha ghax jekk l-akkuza kienet li qed taghmilha ma' persuna deskritta tuffieha hazina, mill-imghallem, dan l-istess imghallem kellu jkecci lilha (lix-xhud) u mhux lir-Rikorrenti. Ix-xhud ikkonfermat li r-Rikorrenti tkecciet ghax ma obdietx ordnijiet tal-imghallem biex ma taghmilhiex max-xhud. Ix-xhud qalet ukoll li hi taf u tikkonferma li l-imghallem offra mitejn ewro lir-Rikorrenti u kien lest li jtihomlha kieku hi semghet minnu ( ma taghmilhiex aktar maghha u ma tkellimx lix-xhud), ghax hu stess qal lix-xhud b'dan kollu meta regghet telghet tkellmu.

**Dr. Claire Francica** fil-kapacita' ta' Counselling Psychologist u Existential Psychiatrist and Child Psychologist , spjegat kif ir-Rikorrenti kienet tkun hafna turbata ghar-raguni li tkecciet mix-xoghol . Tant kienet turbata li x-xhud stess kellha tirreferiha ghand Psikjatra biex tigi amministrata l-medicina bhala kura. Ix-xhud qalet li htija ta' dan ir-Rikorrenti tilfet il-fiducja

li terga tipprova tmur ghax-xoghol. Minn Jannar sa Marzu 2017 kienet ghadha bla mpjieg u tattendi ghat-terapija regolarment. Ix-xhud spjegat ukoll kif wara xi zmien li kienet waqfet milli tassisti lir-rikorrenti u din min-naha taghha kienet sabet impjieg, kienet regghet marret lura ghandha biex tghinha ssib impjieg filghodijiet u mhux bix-shift ghax kienet bezghana li ma tkunx kapaci taghmlu. Ghall-mistoqsija tal-kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li dan ma kienx l-ewwel kaz taghha imma kellha tnejn ohra simili.

**L-avukati difensuri ghazlu li jistriehu fuq l-atti bhala gheluq min-naha taghhom**

**Decizjoni**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeciedi jekk it-talba tar-Rikorrenti u li saret nhar fl-20 ta' Gunju, 2016, li l-kuntratt ta' mpjieg gie terminat ghal ragunijiet ingusti.

Tenut kont disa' fatti li hargu waqt dan il-process u cjoe :

Li l-*Employment History* mahruga mill-ETC (illum JobsPlus) tindika li r-Rikorrenti giet terminata ghal ragunijiet ta' dixxiplina, u minkejja dan giet imhallsa n-notice period, meta dan mhux dovut meta wiehed jigi tterminat fuq bazi ta' dixxiplina;

Li r-Rikorrenti giet itterminata minghajr ma inghatat cans ta' process ta' dixxiplina, u li ma hemm l-ebda record ta' twissija bil-kitba, imma huwa allegat li kellha zewg twissijiet verbali li record taghhom ma jezistux u xhieda / terzi persuni li dawn vera sehhew, ma jezistux;

Li tnejn mix-xhieda ewlenin li kienu mgharrfa direttament mill-owner Dr. Charles Attard li nghatat warnings, ma qablux fuq ir-ragunijiet, wahda semmiet l-ilbies u l-iehor l-uzu tal-mobile u attegjament buruz;

Li wara tfacca rapport intern ta' kif sehhew l-affarijiet minghajr ma sar process dixxiplinarju jew inzamm record ta' xi process;

Li r-Rikorrenti kienet impjegata minghajr kuntratt tax-xoghol u f'dan in-nuqqas l-anqas ma giet ipprovduta linji gwida ta' x'kien jirrikjedi minnha fuq il-post tax-xoghol u li jekk tkellem lil xi hadd kuntrarju ghal dak li jidhirlu l-Principal jista' jirrizulta f'terminazzjoni tal-impjieg;

Li sehhew irregolaritajiet mhux mistennija bejn l-impjegat u min jimpjega, ergo li l-impjegat jigi offrut flus biex jobdi direttiva li ma tirrizulta mill-ebda ligi ndustrijali jew Kuntratt tax-xoghol, cioe' biex jimpedixxi li haddiem ikellem/jaghmilha ma' kollega ohra fuq l-istess lant tax-xoghol, minghajr raguni valida;

Li minkejja kollox ir-Rikorrenti ffirmat minn jeddha l-formola tat-terminazzjoni, nghatat il-hlas dovut lilha tat-tmiem ta' mpjieg. Liema hlas fil-forma ta' cekk, anke ssarraf mir-Rikorrenti;

Li ssemmiet repetutament mix-xhieda li r-Rikorrenti inghatat twissijiet verbali, liema twissijiet saru jafu bihom, mhux ghax kienu prezenti izda ghax intqal lilhom mill-owner tal-kumpanija;

Li r-Rikorrenti damet xaharejn bla mpjieg sakemm regghet sabet iehor u tliet xhur ohra li matulhom kienet bla mpjieg minhabba kura li kellha tiehu.

It-Tribunal f'dan il-kaz huwa affacjat b'terminazzjoni li r-raguni li ngabet kienet wahda ta' dixxiplina u bbazata fuq il-provi migjuba li fil-fehma ta' dan it-Tribunal huma konflingenti. Fuq naha t-Tribunal gie pprezentat t-tezi li l-imgieba hazina taghha fuq ix-xoghol kienet rizultat tal-amicizja li kellha r-rikorrenti ma' kollega ohra u li giet ipprojbita milli titkompla, liema ordni giet irrifjutata mir-Rikorrenti. Minn naha l-ohra gew ipprezentati ragunijiet ohra li rrizultaw fl-imgieba mhux accettabbli taghha li ma jaqblu xejn mal-ewwel tezi. Fit-tieni spjegazzjoni migjuba mix-xhieda kienet tirreferi ghall-inkwiet li kienet ghaddejja minnu fil-hajja personali taghha. Din tal-ahhar giet ippruvata anke b'siltiet mehudin minn chats li saru b'mod privat bejn ir-Rikorrenti u l-Manager taghha, li fir-risposti tieghu kien kawt hafna x'qed jghid la kien jaf li se jurihom lil terzi persuni bil-mohbi tar-Rikorrenti. Dan it-Tribunal ihoss li hawn sar zball serju meta kull min kien ikkoncernat kien jaf li r-Rikorrenti setghet veru kienet ghaddejja minn zmien difficcli fil-hajja personali taghha u l-unika direzzjoni li nghatat kienet wahda ta' dixxiplina li tmur lil hinn minn dan iz-zekzik fil-hajja privata tan-nies. Id-direzzjoni li nghatat kienet li qed tkun projbita milli tkellem lil persuna ohra li inzertat kollega fuq l-istess lant tax-xoghol. Dan it-Tribunal isibha difficli biex isib sens f'din l-ordni meta ma kinitx ibbazata fuq tlajjar jew hela ta' hin jew li kienet qed tirrifletti hazin fil-produzzjoni t-twettieq tax-xoghol, imma kienet ibbazata fuq gudizzju ta' karattru ta' persuna ( Ramona Bonnici) li ma tkeccietx imma kienet ghadha impjegata fuq l-istess lant tax-xoghol waqt li dan kollu kien ghaddej. Diversi drabi d-dirigenti tal-kumpanija sostnew li huma ma kienux psikologi u ma setghux joffrulha certa ghajnuna, imma d-decizjoni li titkecca kienet fuq konkluzjoni li tagixxi b'mod irresponsabbli fuq il-post tax-xoghol b'rizultat ta' kuntatt ma' kollega u li qed thalli influwenza negattiva fuq ir-Rikorrenti. Ironikament din il-konkluzjoni tislet l-gheruq taghha minn decizjonijiet u rizultati li huma fil-mistier tal-psikologi. Fil-fatt dan it-Tribunal sema' wkoll lill-Psikologa li effettivament hadet hsieb lir-Rikorrenti u hareg car li r-Rikorrenti ghaddiet minn tbatijiet psikologici fuq il-post tax-xoghol u ghal tul ta' zmien. Tajjeb li dan it-Tribunal juri li mill-provi u x-xhieda ma hux konvint li l-qaghda psikologika li esperjenzat ir-Rikorrenti kienet kollha ta' htija u attribwita lill-ambjent u esperjenzi fuq il-lant tax-xoghol. Jibqa' l-fatt li l-esperjenzi hawn fuq imsemmija ma humiex assolutament il-kagun ta' imgieba hekk imsejha irregolari li kellhom jirrizultaw fi tmiem ta' mpjieg. Il-forma mentis hekk kif spjegata mill-psikologa fix-xiehda taghha taghti bazi biex wiehed jikkonkludi x'seta' wassal biex ir-rikorrenti meta giet affaccjata bl-ittra tar-rizenja u li minn jeddha accettat li tiffirma, ma hux bazi soda biex jikkonkludi li ma kinitx taf x'qed taghmel meta ffirmat l-ittra. Minkejja kollox dan ma jfissirx lanqas li ma kienx kaz ta' constructive dismissal. Izda dak kollu li sofriet psikologikament kien rizultat tat-tkeccija u mhux qabel. Dan ifisser ukoll li l-mument li fih ir-Rikorrenti ffirmat l-ittra tar-rizenja hija kienet taf x'qed taghmel. Dan kollu gie nkwadrat fil-konfuzjoni ta' xhieda li f'waqtiet ma bdietx taghmel sens, u l-anqas ma kien hemm armonija f'dak li beda jintqal ta' kif kien l-ambjent u x'irrizulta f'dan il-kaz. L-akkuza principali li r-Rikorrenti riedet tigi mpeduta milli tifforma parti minn konfoffa kienet bla bazi ghax ma ssemma' xejn aktar ta' sustanza x'kienet din il-konfoffa meta hadd aktar ma tkecca jew ittiehdu xi passi f'dan il-konfront sew internament jew esternament.

Li wiehed jigi ordnat li ma jithallatx ma persuna ohra li tkun kollega fuq l-istess lant tax-xoghol ma tohrog mill-ebda ligi jew u ma ngabet l-ebda prova quddiem dan it-Tribunal li kienet tifforma parti minn xi regolament intern. Ghal darb'ohra, u kif ghamel diversi drabi

dan it-Tribunal jesigi l-importanza ta' twissijiet bil-miktub bhala provi ta' dixxiplina u mhux la kemm wiehed jistrieh fuq dawk, verbali, li mhux dejjem jista' jigi ppruvat li sehhew, u li in segwitu taghhom wiehed jigi tterminat mill-impjieg. Mill-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal irrizulta li r-Rikorrenti sussegwentement ghamlet xaharejn bla mjieg sakemm regghet sabet iehor u tliet xhur ohra li fihom ukoll kienet bla mpjieg minhabba nuqqas ta' kapacita' ferma u sana psikologika li hi mehtiega biex tattendi u taqdi d-doveri taghha fuq ix-xoghol. Dan it-Tribunal jemmen li t-tliet xhur ta' 'mard', li wiehed ma jistax jizolahom mill-hajja kollha u privata tal-individwi, u f'dan il-kaz partikolari m'ghandhomx jigu attribwiti solament ghat-telfien ta' mpjieg, tant li mill-provi rrizulta li l-kollegi taghha kienu konxji tal-problemi personali li kellha u anke xehdu dwarhom. Mill-banda l-ohra dan it-Tribunal jikkonsidra li x-xaharejn bla mpjieg sakemm regghet sabet iehor, ghandha tigi kkumpensata taghhom, ghax fil-fehma ta' dan it-Tribunal huma direttament attribwiti ghat-terminazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni kienet wahda ngusta u mhux skond il-Ligi u qed jillikwida d-danni fis-somma ta' elf, sitt mija u tmenin ewro (€1,680).

Din is-somma ghandha tithallas mis-socjeta' lir-Rikorrenti fi zmien xahar mid-data tal-lum.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittiiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**